**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru: 373/2023DC**

***Ina Alexandrova Holevitch***
*f'isimha proprju u bħala mandatarja speċjali ta'*
***Alexander Alexandrov Holevitch***
***Lidiya Rangelova Penkova***
***Alexandre Genov Holevitch***

***vs***

***City Sightseeing Malta Limited (C-73687)***
***L-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta***
***Charles D'Amato***
***Mapfre' Middlesea plc (C-5553)***

**Ilum it-18 ta' Settembru, 2023**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Ina Alexandrova Holevitch** ippreżentat fl-4 ta' April 2023 permezz ta' liema ppremettiet is-segwenti:-

1) *Illi fid-disgħa ta' April, tas-sena elfejn u tmintax (2018), għall-ħabta tal-erbgħa (4) u kwart ta' wara nofsinhar, waqt illi d-deċeduta Elisaveta Danielova Avdala kienet passiġġiera fuq waħda mill-*open top double decker buses *operata mis-soċjeta' konvenuta City Sightseeing Malta Limited tal-marka Denis Trident II bin-numru ta' reġistrazzjoni KPY 023*

*u waqt li l-istess open top double decker bus li fuqha kienet passiġġiera l-imsemmija Elisaveta Daniela Avdala kienet għaddejja minn Triq il-Belt Valletta, iż-Żurrieq, parti mill-istess open top double decker bus ħabtet ma' fergħa ta' siġra sporġuta 'l barra minn zokk ta' siġra li kien mal-ġenb tat-triq bil-konsegwenza illi Elizaveta Daniela Avdata mietet u dan kif ser jiġi ippruvat fil-kors tal-kawża.*

2) *Illi r-rikorrenti huma kollha werrieta ta' l-istess Elisaveta Avdala.*

3) *Illi minn investigazzjonijiet li saru fuq il-post ġie stabilit li x-xufier kien il-konvenut Charles D'Amato u dan kif jirriżulta minn paġna 40 tal-Full Road Traffic Accident Report, impjegat u/jew li kien qed isuq ix-xarabank;*

4) *Illi s-soċjeta' konvenuta Transport Malta hija l-awtorita' Maltija nkarigata, fost mansjonijiet u poteri oħra, illi tieħu ħsieb u tikkura t-toroq aterjali fir-territorju Malti, kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq dak lokali;*

5) *Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni jaħtu unikament il-konvenuti jew min minnhom stante negliġenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u tal-Liġi, u dan kif ser jiġi ippruvat fil-kors tal-kawża;*

6) *Illi b' konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti sofrew danni skont il-Liġi u dan kif ser jiġi ippruvat fil-kors tal-kawża;*

7) *Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimati jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni permezz ta' protest ġudizzjarju u diversi ittri uffiċjali iżda l-istess intimati baqgħu inadempjenti u ċaħdu r-responsabilita'.*

U wara li hekk ippremettiet talbet lil din l-Onorabbli Qorti:-

1) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom kienu unikament responsabbli għall-inċident stradali in kwistjoni u għad-danni konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti b'riżultat tal-istess imsemmi inċident stradali tad-9 ta' April 2018;*

2) *Tillikwida d-danni sofferti, kemm dawk ta' damnum emergens u lucrum cessans, mir-rikorrenti kkawżati mill-istess inċident stradali, anke bil-ħatra ta' periti nominandi; u*

3) *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' danni hekk likwidat.*

4) *Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali u tal-protest ġudizzjarju de quo u bl-imgħax legali kontra l-intimati kollha illi minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta City Sightseeing Malta Limited**[1] ippreżentata fl-4 ta' Mejju 2023 permezz ta' liema eċċeppiet is-segwenti:-

1. *Illi, in linea preliminari, ir-rikorrenti Ina Alexandrova Holevitch, bħala mandatarju speċjali tar-rikorrenti l-oħra Alexander Alexandrov Holevitch, Lidiya Rangelova Penkova u Alexandre Genov Holevitch, għandha tipprova l-mandat speċjali mogħti lilha skont id-disposizzjonijiet tal-liġi.*

2. *Illi di più, ukoll in linea preliminari, ir-rikorrenti għandhom jipprovaw l-interess ġuridiku tagħhom u li huma fil-fatt l-eredi tad-defunta Elisaveta Danielova Avdala.*

3. *Illi, fil-mertu, qabel xejn, għandu jiġi rilevat li, skont il-prinċipju onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, anke a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jinkombi interament fuq ir-rikorrenti li jipprovaw skont il-grad rikjest mill-liġi illi l-inċident awtomobilistiku illi seħħ fid-disa' ta' April tas-sena elfejn u tmintax (09.04.2018) verament seħħ b'xi tort, negliġenza, imperizja jew xi nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naha tas-soċjetà esponenti hekk kif jidher li qiegħed jiġi allegat fir-rikors promotur.*

4. *Illi dan premess, l-ewwel talba tar-rikorrenti - hekk kif diretta fil-konfront tas-soċjetà esponenti - hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda stante li l-imsemmija soċjetà mhiex responsabbli bl-ebda mod għall-inċident awtomobilistiku de quo hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

5. *Illi s-soċjetà esponenti dejjem aġġixxiet b'diligenza fejn, fost affarijiet ohra, dejjem adderiet ruhha mal-obbligi legali taghha, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

6. *U wara li premettew, talbu,lil fic-ċirkostanzi, jispetta lir-rikorrenti jipprovaw li s-soċjetà esponenti verament wettqet xi nuqqas illi jaghmilha*

[1] A fol 65.

*b'xi mod responsabbli għall-inċident mertu tal-kawza odjerna u l-grad ta' tali responsabbilità.*

7. *Illi jsegwi għalhekk li t-tieni talba rikorrenti għandha ukoll tiġi riġettata billi m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-istess rikorrenti liema danni, del resto, jeħtieġu li jiġu pruvati skont il-liġi.*

8. *Konsegwentement it-tielet talba rikorrenti għandha wkoll tkun miċħuda billi s-soċjetà esponenti m'għandhiex tigi kkundannata thallas ebda danni u dan ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.*

9. *Salv eċċezzjonijiet oħra premessi fil-liġi u bl-ispejjeż.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Mapfre Middlesea plc**[2] ippreżentata fil-11 ta Mejju 2023 permezz ta' liema eċċepiet is-segwenti:-

1. ***Illi, in linea preliminari, gja hemm kawża pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta bejn il-konvenuti City Sightseeing Malta Limited u l-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta fejn qed tiġi determinata r-responsabbilita` għall-inċident mertu tal-kawża tad-9 ta' April 2018 (Rikors Ġuramentat Numru 266/2022/FDP) u għalhekk japplikaw l-Artikolu 792 u/jew l-Artikolu 793 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. *Illi, ukoll preliminarjament, ma hemm ebda kawża li fir-rikors ġuramentat fil-konfront tas-soċjeta` esponenti Mapfre Middlesea plc, u dan bi ksur tal-Artikolu 156(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk it-talbiet attriċi huma legalment insostenibbli fil-konfront tas-soċjeta` esponenti;*

3. *Illi meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, is-soċjeta` esponenti kienet biss l-assiguratur tal-vettura KPY 023 li fiha kienet riekba l-mejta Elisaveta Danielova Avdala billi s-soċjeta` esponenti kienet ħarget motor insurance policy bin-numru P30005267 lis-soċjeta` konvenuta City Sightseeing Malta Limited (Dok. MM1) liema polza tkopri r-riskji ta' terzi persuni kawżati mill-użu tal-istess vettura skond l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), u għalhekk s-soċjeta` esponenti ma tistax tinstab responsabbli għall-inċident mertu tal-kawza iżda tista' biss tinstab responsabbli għall-ħlas ta' xi danni versu l-atturi jekk dina l-Onorabbli Qorti kellha ssib illi s-sewwieq tal-vettura minnha assigurata*

[2] A fol 72.

*ossia l-konvenut Charles D'Amato kellu xi parti mit-tort għall-inċident mertu tal-kawża, u dan dejjem mingħajr pregudizzju għad-drittijiet tas-soċjeta` esponenti kontra l-istess konvenut Charles D'Amato u l-konvenuta City Sightseeing Malta Ltd ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Artikolu 12 tal-Kap, 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi għall-incident u konsegwenzjali danni sofferti mill-atturi hija responsabbli in toto jew in parte il-konvenuta l-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta inkluż iżda mhux limitament talli ma ħaditx mizuri sabiex jiġi evitat l-inċident mertu tal-kawża u minħabba ksur tal-obbligi legali tagħha fosthom l-obbligu li tieħu ħsieb is-sigurta` tat-toroq u tassigura li jkunu ħielsa mill-periklu, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

5. *Illi subordinatament u mingħajr pregudizzju għas-suespost, konformament mal-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar Limiti ta' Responsabbiltà (Leġislazzjoni Sussidjarja 104.05), il-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta` esponenti bin-numru P30005267 (Dok. MM1) tkopri r-riskji ta' terzi persuni kawżati mill-użu tal-vettura sa l-ammonti segwenti:*
   - *Fil-każ ta' mewt jew korriment, sa l-ammont ta' sitt miljuni u sebgħin elf euro (€6,070,000) irrispettivament min-numru ta' vittmi; u*
   - *Fil-kaz ta' hsara fil-proprjetà, sa l-ammont ta' miljun mitejn u għoxrin elf euro (€1,220,000) irrispettivament min-numru ta' vittmi;*

   *u ghalhekk, f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ssib li għall-incident mertu tal-kawza għandu xi parti mill-htija l-konvenut Charles D'Amato, għar-rigward tali responsabbilita`, dawn il-limiti ta' indemnizz iridu jinqasmu bejn il-vittmi kollha tal-inċident mertu tal-kawża billi r-responabbilita` tas-soċjeta` esponenti sabiex tagħmel tajjeb għad-danni bhala assiguratur tal-vettura KPY 023 hija limitata sal-ammonti fuq imsemmija;*

6. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti ssib illi l-konvenuti City Sightseeing Malta Limited, Charles D'Amato u l-Awtorita` dwar it-Trasport kollha għandhom xi parti mit-tort u huma responsabbli in solidum versu l-atturi ai termini tal-Artikolu 1050 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddetermina ukoll il-proporzjon ta' responsabbilita` ta' kull wieħed minnhom fir-relazzjoni interna ta' bejn dawn il-konvenuti ai termini tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 1050 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dejjem mingħajr preġudizzju għall-fatt illi r-responsabbilita` tas-soċjeta` esponenti hija dipendenti fuq ir-*

*responsabbilita` o meno tas-sewwieq tal-vettura KPY 023 il-konvenut Charles D'Amato kif eċċepiet fit-tielet eċċezzjoni u hija dejjem limitata sal-limiti ta' indemnizz stabbiliti fil-polza kif eċċepiet fil-ħames eċċezzjoni;*

7. *Illi, subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi għandhom iġibu prova illi huma l-uniċi eredi ta' Elisaveta Danielova Avdala u li ma hemmx eredi oħra tal-mejta Elisaveta Danielova Avdala billi Dok. IH1 anness mar-rikors ġuramentat jindika mod ieħor; u f'kaz li xi wieħed jew waħda mill-atturi ma huwiex eredi jew hemm eredi oħra tal-mejta, id-danni għandhom jitnaqqsu skond is-sehem attwali tal-atturi fl-eredita` tal-mejta Elisaveta Danielova Avdala;*

8. *Illi, subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi għandhom iġibu prova ta' l-ammont ta' danni minnhom sofferti.*

9. *Illi, subordinarjament u mingħajr prejudizzju għas-suespost, għar-rigward it-talba ghall-ħlas tal-imgħax fil-kaz de quo dan jiddekorri biss mid-data tas-sentenza.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Charles D'Amato**[3] ippreżentata fil-15 ta' Mejju 2023 permezz ta' liema eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi fl-ewwel lok u preliminarjament l-intimat Charles D'Amato jirrileva illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti atturi fil-konfronti tiegħu, huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom, u dan peress illi mhuwiex minnu illi huwa b'xi mod responsabbli għall-inċident de quo, u dan kif se jirriżultaw aħjar fil-mori tal-kawża;*

2. *Illi konsegwentement l-intimat Charles D'Amato ma jistax jiġi ddikjarat responsabbli għal dan l-inċident u ma hemm ebda danni x'jiġu hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti minn l-intimat D'Amato a favur tar-rikorrenti, u għalhekk isegwi illi l-intimat ma jistax jiġi kkundannat iħallas kwalunkwe danni li setgħet sofriet id-defunta;*

3. *Illi għalhekk strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat ma jistax jinstab responsabbli tal-inċident de quo, u dan peress illi dan l-inċident ma ġarax konsegwenza tal-aġir tiegħu, imma se mai ta' l-intimati l-oħra jew min minnhom;*

---

[3] A fol 106.

4. *Illi għalhekk, jsegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti atturi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, sa fejn jikkonċernaw lill-intimat Charles D'Amato, u dan bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

5. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suepost, irid jiġi ppruvat illi l-atturi huma l-eredi tad-defunta Elisaveta Danielova Avdala u dan peress illi ma jidher li ġie ndikat ebda xhud sabiex jikkonferma d-dokumenti eżebieti.*

Rat **ir-risposta ġuramentatata tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**[4] ppreżentata nhar is-16 ta' Mejju 2023 permezz ta' liema eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi fl-ewwel lok preliminajrament ir-rikorrent Ina Alexandra Holevitch għandha tiprova l-mandat tagħha sabiex tidher għar-rikorrenti l-oħra f' dina l-kawża;*

2. *Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti għandhom jipruvaw illi huma fil-fatt eredi tad-defunta Elisaveta Danielova Avdala u f' kaz li jirrizulta li xi hadd mil-partijiet mhux eredi jew li jezistu eredi oħra li m humiex parti f'dina l-kawza kwalunkwe eventwali danni jekk ikun il-każ ghandhom jitnaqqsu skond is-sehem repprezentatttiv tal-atturi;*

3. *Illi fit-tielet lok u fil-mertu , l-inident ma sehhx b xi tort, neġligenza jew imperizja tal-Awtorita' intimata;*

4. *Illi għaldaqstant, fir-raba' lok u fil-mertu it-talbiet attriċi kif diretti lejn l-Awtorita' intimata għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar id-19 ta' Ġunju 2023[5] meta l-kawża tħalliet għall-provi u għat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta Mapfre Middlesea plc.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar din l-eċċezzjoni.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar l-10 ta' Lulju 2023[6] meta l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar din 1-eċċezzjoni.

[4] A fol 110.
[5] A fol 114.
[6] A fol 130.

Rat l-atti proċesswali inkluż kopja tar-rikors ġuramentat bin-numru 266/2022FDP.

Ikkunsidrat

Illi kif jirriżulta mill-ewwel parti ta' din is-sentenza, permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għal inċident stradali li seħħ fid-9 ta' April 2018 fi Triq il-Belt Valletta, iz-Zurrieq u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'kundanna għal ħlas tad-danni hekk likwidati. Ir-rikors promotur, fil-proċeduri odjerni, ġie preżentat f'l-4 ta' April 2023. Tnejn mill-konvenuti fil-proċeduri odjerni huma City Sightseeing Malta Ltd u l-Awtorita għat-Trasport f'Malta.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li s-soċjeta City Sightseeing Malta Ltd intavolat proċeduri, pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, kontra l-Awtorita għat-Trasport f' Malta permezz ta' liema qed titlob lill-Qorti tiddikjara lill-Awtorita għat-Trasport f' Malta responsabbli għall-istess inċident. Din il-kawża ġiet preżentata fid-29 ta' Marzu 2022.

Illi għalhekk jirriżulta li hemm pendenti żewġ kawżi, naxxenti mill-istess inċident stradali, permezz ta' liema żewġ kawżi l-Qorti qed tintalab tippronunzja ruħha dwar ir-responsabbilta għal dan l-inċident. Fit-tieni kawża (dik odjerna) pero it-talbiet immorru oltre stante li fiha qed tintalab ukoll il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni; aktar minn hekk fit-tieni kawża hemm aktar kontendenti milli f'l-ewwel kawża.

Ikkunsidrat

Illi meta fir-risposta ġuramentata tagħha s-soċjeta Mapfre Middlesea plc issollevat l-eċċezzjoni in eżami irriferiet għal "l-*Artikolu 792 u/jew l-Artikolu 793 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*". L-artikolu 792 jipprovdi għall-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* fil-waqt li l-artikolu 793 jitratta l-konnessjoni tal-kawżi. Dawn pero huma kunċetti separati u distinti, regolati minn prinċipji differenti.

Illi kellha l-opportunita tirrintraċċa d-differenza bejn dawn iż-żewġ kunċetti din il-Qorti kif diversament presjeduta f'sentenza mgħotija nhar is-17 ta' Mejju 2021 fil-kawża f'l-ismijiet *Claude Mangion vs Charlene Friggieri et* fejn intqal hekk:

*8) Minkejja li wieħed jista' forsi jaħseb li l-kunċetti tal-lis alibi pendens u tal-konnessjoni tal-kawżi huma qrib xulxin jew li jixxiebħu, madankollu fil-verità dawn mhumiex l-istess u anzi huma regolati fil-liġi tagħna b'mod differenti minn xulxin;*

*9) Lis alibi pendens hija frażi Latina, li tirreferi għal meta azzjoni fuq l-istess oġġett jew mertu tkun pendenti x'imkien ieħor. Din hija kwestjoni serjissima għaliex jekk ikollok żewġ qrati li qegħdin jisimgħu l-istess tilwima dan jista' jwassal għal deċiżjonijiet li ma jaqblux bejniethom. Illi minħabba f'hekk, din l-eċċezzjoni tixxiebaħ f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi kostitutivi tagħha mal-eċċezzjoni tal-ġudikat (ara f'dan is-sens Silvio Frendo et vs. Rudolph Gatt deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2015 u Crocifissa Sammut et vs. Joseph Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2003). Kif ġie mpoġġi tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza Anatoli Reznikov et vs. Nikolai A. Kotivov nomine maqtugħa fl-24 ta' Marzu, 1994,*

> *«The plea is somewhat parallel with the plea of exceptio rei judicatae. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue»;*

*10) Jekk jintwera li jkun hemm żewġ proċeduri pendenti fuq l-istess oġġett jew mertu bejn l-istess partijiet, il-konsegwenza tkun skont l-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li l-aħħar kawża li tkun saret tintbagħat quddiem l-Imħallef li jkun qed jisma' l-ewwel kawża sabiex il-mertu taż-żewġ kawżi jinstemgħu fi proċess wieħed (ara Joseph Attard et vs. Mario Attard et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);*

*11) Mill-banda l-oħra fil-każ tal-konnessjoni tal-kawżi, il-mertu bejn l-ewwel u t-tieni kawża ma jkunx l-istess bħal fil-każ tal-litis pendentia. Fil-fatt skont l-artikolu 793(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, anke jekk ikun hemm tgħaqqid tal-kawżi huwa dejjem meħtieġ li kull kawża konnessa jkollha sentenza mogħtija għal rasha (ara Maria Debono et vs. Avukat Dr. Paolo Mercieca et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit- 30 ta' Jannar, 2004). Din hi ħaġa li l-liġi ma titlobx fil-każ tal-litis pendentia. Tassew, biex jidħol fix-xena l-artikolu 793 dwar il-konnessjoni tal-kawżi, dak li jrid jintwera huwa li bejn iż-żewġ kawżi hemm suġġett komuni li jorbothom*

*flimkien jew inkella jintwera li l-eżitu ta' waħda mill-kawżi tista' tinfluwenza l-mod ta' kif għandha tinqata' l-kawża l-oħra,*

*… … …*

*18) Fl-aħħarnett, tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni wkoll li talba taħt l-artikolu 793(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-konnessjoni ta' kawżi, kuntrarjament għall-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-lis alibi pendens, ma teħtieġx stħarriġ ta' liema kienu l-ewwel u l-aħħar qorti li appuntaw il-kawża. Għalhekk talba għat-tgħaqqid tal-kawżi tista' titressaq u tintlaqa' minn kull wieħed mill-Imħallfin li qed jisma' l-kawżi … …;*

*19) Mod ieħor iżda, fil-każ ta' talba dwar lis alibi pendens taħt l-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talba għar-rinviju, kif tajjeb imfisser fil-provvediment tal-5 ta' Frar, 2015 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża Josephine Azzopardi pro et noe vs. L-Onorevoli Prim Ministru et (Rik. Nru 75/2014JZM), «m'għandhiex tkun diretta lil din il-qorti, bħala l-qorti li quddiemha tressqet l-ewwel kawża, iżda t-talba għandha ssir lill-qrati li qegħdin jisimgħu l-kawżi li tressqu wara dik bin-numru u fl-ismijiet premessi»;*

*20) Tassew it-talba għal-lis alibi pendens ma tistax titressaq quddiem il-qorti li qed tisma' l-ewwel kawża iżda tista' titressaq biss quddiem il-qorti li qed tisma' t-tieni kawża (ara S&d Yachts Limited vs. Sealion Shipping Co. Ltd deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Mejju, 2005);*

*21) Il-kliem użat fl-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa «il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra». … … …;*

Illi għalhekk huwa ċar li l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta Mapfre Middlesea plc tirrikjedi d-determinazzjoni ta' żewġ punti separati u distinti minn xulxin: *lis alibi pendens* u konnessjoni ta' kawżi.

Ikkunsidrat

Illi fis-sentenza mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-3 ta' Diċembru 1998 fil-kawża f'l-ismijiet *Paulina Mizzi vs Concetta Key* ntqal

li skond l-artikolu 792 l-estremi sabiex tiġi stabilita u radikata l-eċċezzjoni ta' *litis pendentia* huma s-segwenti:-

> *(1) Li jkun hemm l-istess kawża, li jinkorpora li:*
>
> *a) Li l-kawża trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qegħdin jaġixxu fl-istess kwalita – "**eadem personae**"*
>
> *b) Irid ikun hemm l-"**eadem res**"*
>
> *c) It-talbiet irid ikollhom l-istess kawża "**idem ius, eadem causa petendi**" u dawn iridu jirrizultaw "ictu oculi" (P.A.F. Angela sive Gina Balzan vs Paul Argento et - 1.2.1990 – Vol. LXXIV.III. p. 429), (P.A.M. Anatoli Reznikow et vs Nikolai A. Kotivov noe - 24.3.1994 – Vol. LXXVIII.III. p. 170).*
>
> *(2) Li l-istess kawżi jkunu kontemporanjament pendenti.*
>
> *Hekk fil-kawża "Giuseppi Bugeja Bonnici vs Dr. Andrea Pullicino noe et - P.A.W.H. 21.5.1935 Vol. XXIX(G) ġie affermat li biex hemm lok għal din l-eċċezzjoni hemm bżonn "inter alia" i) "kawża diġa kontestata jew almenu intimata, u li għada ma hijiex terminata quddiem jew l-istess tribunal jew tribunal divers".*
>
> *(3) Li tali eċċezzionijiet tressqu quddiem l-istess Qorti jew żewġt Qrati li huma it-tnejn kompetenti. ... ...*
>
> *(4) Li hemm differenza kronoloġika bejn iż-żewġt istanzi ... ...*

Illi dwar l-ewwel element: *eadem personae*, il-Qorti stabbilit li:

> *L-element tal-identita` tal-persuni, huwa wkoll fondamentali u ta` siwi daqs iż-żewġ elementi l-oħrajn. In-nuqqas tiegħu huwa biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat għaliex min ma kienx preżenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappreżentat leġittimament, ma jistax jitqies marbut b`sentenza mogħtija u li għaddiet in ġudikat, ukoll jekk l-eżitu ta` dik is-sentenza ikun jiffavorih.*[7]

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li dan l-element mhux sodisfatt fil-każ in eżami. Iż-żewġ partijiet f'l-ewwel kawża preżentata (City Sightseeing Limited u l-Awtorita għat-Trasport f'Malta) huma biss tnejn mit-tmien partijiet fil-proċeduri odjerni għalhekk ma jistax jingħad li hemm l-identita tal-persuni.

[7] Ref *Charles Cortis vs Francis X Aquilina et*: Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Settembru 2003. Għalkemm dan il-bran tas-sentenza qed jitrattat il-kunċett ta' *res ġiudicata*, kif intqal aktar 'l fuq, l-elementi kostituttivi ta' dik l-eċċezzjoni jixxiebħu ħafna ma dawk ta' *lis alibi pendens* għalhekk il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti f'dik is-sentenza japplikaw ukoll għall-każ in eżami.

Illi fil-ġurisprudenza huwa paċifiku li t-tieni element: *eadem res*, jirrikjedi li l-oggett mitlub fit-talba l-ġdida ikun identiku għal dak tat-talba preċedenti u li għada pendenti quddiem il-Qorti. Dan għaliex

> *... il-bażi għal dan ir-rekwiżit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiża sabiex tottjeni xi haġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza preċedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċizjoni preċedenti, din is-similarita` mhix ostaklu għall-talba ġdida għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati.*
>
> *Illi mill-interpretazzjoni li jagħtu d-diversi awturi ta' kif għandha tiġi determinata l-identita` ta' l-oġġett jidher illi l-aħjar mod hu li teżamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attriċi ġietx jew le deċiza minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet ġewx determinati mis-sentenza l-oħra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun ġiet diskussa u deċiża, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oġġett.*[8]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji għall-każ in eżami il-Qorti neċessarjament għandha tikkonkludi li dan l-element mhux pjenament sodisfatt. Fiż-żewġ kawżi l-Qorti qed tiġi imsejjħa biex tiddetermina r-responsabbilta għall-inċident li seħħ nhar it-8 ta'April 2018; pero fil-waqt li f'waħda mill-kawżi qed tiġi diskussa biss ir-responsabbilta ta' persuna (leġali) waħda: l-Awtorita għat-Trasport f'Malta, fil-kawża l-oħra trid tiġi determinata r-responsabbilta o meno ta' diversi persuni ohra flimkien ma' dik ta'l-Awtorita imsemmija. Aktar minn hekk f'din l-ahhar kawża hemm kwistjonijiet oħra x'jiġu determinati: u cioe d-danni sofferti mill-atturi u l-likwidazzjoni ta'l-istess danni.

Illi dwar it-tielet element: *eadem causa petendi*, il-ġurisprudenza trid li

> *"the cause of the claim" fit-talba l-ġdida tkun l-istess bħat-talba preċedenti ... .... Il-causa petendi hi "the title on which the demand is based". Sabiex jirriżulta l-element, irid jiġi ppruvat li l-kawżali*

[8] Ref *Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Company Limited:* Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fid-9 ta' Jannar 2002. Anke f'din is-sentenza il-Qorti kienet qed titratta l-eċċezzjoni tal-ġudikat.

> *tat-talba l-ġdida tkun fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti ... ...*[9]

Illi biex jiġi sodisfatt dan l-element irid jiġi pruvat li ż-żewġ kawżi huma bażati fuq l-istess fatt ġuridiku li minnu twieled id-dritt reklamat, għalhekk fuq l-istess kawżali[10]. M'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-kawża odjerna l-atturi qed jitolbu danni ex delicto. Waqt is-sottomissjonijiet maghmula f'isem s-soċjeta City Sightseeing Malta Ltd ntqal li n-natura ta' l-azzjoni minnha tentata hija differenti għaliex hija naxxenti mill-obbligi kuntrattwali ta'l-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta li tipprovdi rotta sigura. Il-qorti tistqarr li qari tar-rikors ġuramentat relattiv iħalli dubbju dwar din l-asserzjoni għaliex fih hemm referenza għall-allegat negliġenza, traskuraġni, u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tal-Awtorita bħala kawża li wasslet għall-inċident.

Illi fi kwalunkwe każ, u anke kieku irriżulta li ġie pruvat, dan l-element waħdu mhux biżżejjed għaliex biex jingħad li teżisti *lis albi pendens* it-tlett elementi kostituttivi kollha jridu jissussistu.

Illi in vista tas-suespost l-eċċezzjoni in eżami, in kwantu bażata fuq l-artikolu 792 tal-Kapitolu 12, ma tirrizultax pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-konnessjoni tal-kawżi prospettata fl-artikolu 793 huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li

> *Il-provvedimenti tal-liġi tal-proċedura dwar kawżi konnessi huma ta' natura fakoltattiva u intiżi biex il-ġudikant, fl-arbitriju l-iżjed prudenti tiegħu, ikun jista' jirregola dawk il-każi li jkollu quddiemu u dan, kif ingħad fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Guiseppa Caruana vs Andrea Caruana tas-27 ta' Ottubru, 1964, "konsistentement mal-prinċipju ta' l-ekonomija u tal-loġika li huma fondamentali tant għall-proċedura ċivili in ġenerali kemm għall-istitut tal-konnessita` (sic) in partikolari.*[11]

Illi għalkemm huma nieqsa l-elementi rikjesti biex jingħad li bejn iż-żewġ kawżi in eżami hemm *litis pendentia*, fil-fehma tal-Qorti huwa ċar li bejn iż-żewġ kawżi hemm suġġett komuni li jorbothom flimkien u aktar minn hekk

[9] Ref *Galleria Management Limited vs Angele Calleja et*: Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fl-31 ta' Ottubru 2017.
[10] Ref *Michael Chetcuti vs Miller Distributers Limited et*: Qorti ta'l-Appell deċiża f'l-1 ta' Awwissu 2023.
[11] Ref *Philip Debono et vs Avv Dr Paolo Mercieca et*: Qorti tal-Appell deciża fit-30 ta' Jannar 2004.

l-eżitu ta' waħda tista' tinfluwenza l-mod ta' kif għandha tinqata' l-kawża l-oħra. Kif ntqal iż-żewg kawżi jirreferu għall-istess inċident stradali; fiż-żewġ kawżi il-Qorti qed tiġi mitluba tippronunzja ruħha dwar responsabbilta għal dan l-inċident; aktar minn hekk l-partijiet f'l-ewwel kawża huma t-tnejn konvenuti fil-kawża odjerna.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqt u tiddeċiedi billi, fil-waqt li tiċħad dik il-parti ta' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta Mapfre Middlesea plc in kwantu bażata fuq il-*lis alibi pendens*, tilqa' dik il-parti ta'l-istess eċċezzjoni in kwantu tirreferi għall-konnessjoni tal-kawżi. Konformament tordna li din il-kawża tinbagħat biex tkompli tinstema' ma' dik f'l-ismijiet *City Sightseeing Malta Limited vs l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta* (Rikors Ġuramentat Numru 266/2022/FDP).

Spejjeż riżervati għal ġudizzju finali.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**